MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1702/2001/1

Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpannija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Pace u l-istess Charles Pace

Vs

Carmel Zahra

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm202.75) danni sofferti b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta'Awissu 2001 fir-Regional

Road, Kappara Roundabout, Gzirra bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru GAN 817 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru GAF 748, liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Rat il-kapitolu li giet pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi, u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm202.75) bil-mod kif spjegat fl-avviz, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------